MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Numru 401/2008

IL-PULIZIJA
SPETTUR JESMOND J. BORG
VS
CLAIRE FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Claire Farrugia, ta' 29 sena, bint Anthony u Margaret nee' Psaila, imwielda Attard nhar is-26 ta' Dicembru 1978, residenti '97' Triq Sir James Cameron, Gzira u detentura tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 15979(M).

Illi akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, nhar is-26 ta' Ottubru 2008, gewwa l-Gzira, kif ukoll fil-granet ta' qabel, f'hinijiet differenti u f'diversi postijiet madwar Malta;

1). Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet

ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-irdinanza imsemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xorta ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2). Aktar talli kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata jimmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3). Aktar talli saret recidiva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrat ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-ordni ta’ l-Avukat Generali tat-27 ta’ Ottubru 2008.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputata ghall-akkuzi kif dedotti.

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat.

Illi fuq l-istess ammissjoni taghha, l-Qorti ssib lill-imputata, Claire Farrugia, hatja skond l-akkuza u wara li rat Regolament 4 tal-G.N.292 tan-1939 kif emendat u t-Taqsima IV u VI tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikoli 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannaha ghal tletin xahar prigunerija u multa ta’ erbgha mija sitta u sittin euro (466 Euro).

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, l-eta’ ta’ l-imputata, l-fedina penali rifrettarja ta’ l-imputata illi ilha ghal snin konsiderevoli dipendenti fuq id-droga.

Il-Qorti tirrikomanda illi l-imputata tibda’ ssegwi programm ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan il-Facilita’ Korrettiva. Ghal dan il-ghan, il-Qorti tordna komunika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------